**MALTA EMPLOYERS ASSOCIATION**

Sinjura President, Sur Direttur Generali, membri, ħbieb …

Fi żmien meta kollox huwa mill-lum għal-lum... Meta ħadd m'għandu ħin jikkomunika imma kulħadd irid jinqeda… Li tiċċelebra tragward ta' GĦAXAR snin ta' ħidma kontinwa u MITEJN U ĦAMSIN programm televiżiv … huwa mhux biss ġust imma idoneju.

Għaxar snin huwa l-ekwivalenti ta' kemm ielni fil-politika!

U għax naf xi jfisser tipproduċi u tippreżenta 250 programm … nemmen li jistħoq ċelebrazzjoni ta' vera u allura AWGURI MINN QALBI u PROSIT TASSEW.

Il-programm MEA huwa ta' servizz edukattiv u informattiv u sinċerament naħseb li hemm qiegħed il-valur ta' proġett bħal dan.

In-nies jisimgħu bil-mekkaniżmu tal-KOLA, l-għoli tal-ħajja, il-work-life balance, il-ħiliet jew nuqqas ta' ħiliet, imma ftit li xejn jisimgħu min jispjega dawn il-kunċetti u termini.

Jisimgħu lielna l-politiċi u ftit jirrealiżżaw li qed nitkellmu fuq l-istess kunċetti imma minn lenti differenti.

Għax bħal ma jiġri fil-mużika u fl-arti - qabel ma' tvarja fuq il-kunċett, l-ewwel trid tkun fhimtu sew. U permezz tal-programm MEA, il-Malta Employers Association qed tipprova tagħmel proprju dan! Għax trid tispjega biex tittama li jkun hemm min jifhem x'qed jiġri!

Jiena llum nixtieq nifraħ ukoll lill-Malta Employers Association għall-ħidma tagħhom fl-MCESD bħala esponenti mill-aqwa tad-Djalogu Soċjali f'pajjiżna. L-MCESD twaqqfet bil-liġi fl-2001 u l-Malta Employers Association minn dejjem kienet protagonista ewlenija fi ħdan l-MCESD.

Skond l-ILO: “Social dialogue is defined … to include all types of **negotiation**, **consultation** or simply exchange of information between, or among, representatives of governments, employers and workers, on issues of common interest relating to **economic** and **social policy**.”

Il-Malta Employers Association, flimkien ma’ oħrajn, qatt ma’ ddarset titkellem ċar fl-MCESD … kien min kien fil-Gvern.

Dan għamlitu b’mod infurmat imma bla biża, b’mod sod u deċiżiv. Ta’ dan insellem u nirringrazzja lill-Malta Employers Association.

Iżda d-Djalogu Soċjali jimplika wkoll li filwaqt li kullħadd għandu ċans isemma’ leħnu … kulħadd irid jisma’ … u aħna l-politiċi li ħafna drabi nintilfu nisimgħu l-eku ta’ dak li aħna stess qed ngħidu, fil-fatt irridu nisimgħu ħafna iktar.

U l-Gvern irid jisma’ aktar għaliex il-Gvern qed jieħu d-deċiżjonijiet.

NISTAQSI: Smajna biżżejjed mill-MCESD fuq l-effetti tad-droga fuq il-post tax-xogħol u fuq il-ħaddiema nfushom qabel ma ftaħna l-bibien beraħ għall-konsum tad-droga?

U x’qed nagħmlu fuq drogi bħal kokaina li fnew lil pajjiżna u qed jinfluwenzaw l-imġieba vjolenti ta’ persuni?

Dan naf li ġie diskuss fl-MCESD imma niddubita ingħatax widen … għax l-MCESD QATT m’għandu jkun talking shop biex Gvern iserraħ il-kuxjenza li ddjaloga jew informa … imma għandu jkun il-veikolu għat-titjib u l-bidla …

u dan dejjem bil-għan li jkun ta’ għal-ġid ta’ pajjiżna u l-poplu tagħna.